IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2019
COM(2019) 333 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2018

DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

RAPPORT ANNWALI 2018
DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

1. INTRODUZZJONI

Kull sena, il-Kummissjoni tissottometti, f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 2 għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fit-tfassil tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Mill-2005, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippubblika rapport annwali dwar ir-relazzjonijiet tagħha mal-Parlamenti nazzjonali. Minħabba r-rwol importanti li għandhom il-Parlamenti nazzjonali fl-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-Kummissjoni ddeċidiet li tgħaqqad iż-żewġ rapporti. Dan l-approċċ ġdid ser jagħti aktar prominenza lill-fehmiet tal-Parlamenti nazzjonali u jevita li jkun hemm sovrapożizzjonijiet bejn iż-żewġ rapporti annwali. Għalhekk, dan is-26 rapport dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jkopri wkoll ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, l-aktar żvilupp notevoli fl-2018 kien ix-xogħol tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti" ("it-Task Force"), imwaqqfa mill-President Juncker u ppreseduta mill-Ewwel Viċi President Timmermans. Is-sejbiet tiegħu taw spinta ġdida lir-riflessjoni interistituzzjonali u lil azzjonijiet konkreti sabiex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi żviluppata u implimentata f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. L-għadd ta' opinjonijiet motivati kompla jsegwi t-tnaqqis li deher fis-sentejn preċedenti u l-ebda proposta tal-Kummissjoni ma rċeviet opinjonijiet motivati minn aktar minn erba' Parlamenti nazzjonali, li huwa ferm aktar baxx mil-limitu għall-iskattar ta' "karta safra".

B'mod ġenerali, ir-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali komplew ikunu intensivi u produttivi fl-2018. L-opinjonijiet maħruġa kemm bħala parti mid-djalogu politiku tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali kif ukoll taħt is-sistema ta' twissija bikrija tas-sussidjarjetà jkopru firxa wiesgħa ta' politiki u kwistjonijiet. Fl-2018, l-għadd ta' opinjonijiet sottomessi fid-djalogu politiku baqa' fl-istess livell għoli bħal fl-2017, għalkemm kienu ftit ħafna dawk il-kmamar attivi li kienu responsabbli għall-maġġoranza kbira tal-opinjonijiet. Bil-maqlub, l-għadd ta' Parlamenti nazzjonali li ma ħarġu ebda opinjoni żdied għal tmienja (għaxar kmamar) fl-2018. Fl-istess ħin, madwar terz tal-opinjonijiet kollha li rċeviet il-Kummissjoni kienu jikkonċernaw proposti li mhumiex soġġetti għal skrutinju tas-sussidjarjetà[1], inklużi għadd ta' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja mhux relatati ma' kwalunkwe proposta speċifika tal-Kummissjoni.

Dan juri li l-maġġoranza vasta tal-Parlamenti nazzjonali għandhom interess kontinwu li jimpenjaw ruħhom b'mod attiv mal-Kummissjoni fuq l-inizjattivi tagħha, inkluż fi stadju bikri iżda li jħares 'il quddiem taċ-ċiklu tal-politika, pereżempju, fuq il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jew fuq l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan l-iskambju intensiv

[1] Bħal proposti leġiżlattivi f'oqsma fejn l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva jew Komunikazzjonijiet u White Papers.

huwa mmarkat ukoll bin-numru kbir ta’ żjarat li jagħmlu l-Kummissarji fil-Parlamenti nazzjonali u viċi versa.

2. L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ MILL-ISTITUZZJONIJIET

2.1. Il-Kummissjoni

It-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti" u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tagħha

Fit-12 ta' Settembru 2017, il-President Juncker ħabbar fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni l-ħolqien ta' Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti". Bl-Ewwel Viċi President Timmermans jaġixxi bħala l-president, bejn Jannar u Lulju 2018, is-sitt membri tat-Task Force[2] ltaqgħu seba' darbiet sabiex jiddiskutu l-kompiti ppreżentati mill-President Juncker fid-deċiżjoni tiegħu li jistabbilixxi t-Task Force:

- Kif jiġu applikati aħjar il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-ħidma leġiżlattiva tagħha.
- Kif jiġu identifikati kwalunkwe oqsma ta' politika fejn, matul iż-żmien, it-teħid tad-deċiżjonijiet u/jew l-implimentazzjoni jistgħu jiġu ddelegati mill-ġdid kompletament jew parzjalment jew jingħataw lura definittivament lill-Istati Membri.
- Kif jiġu involuti aħjar l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija u s-segwitu tal-politiki tal-Unjoni.

Abbażi ta' dawk id-diskussjonijiet, smigħ pubbliku u l-inputs ipprovduti minn bosta partijiet ikkonċernati, it-Task Force għamlet disa' rakkomandazzjonijiet fir-rapport tagħha ppreżentat lill-President Juncker fl-10 ta' Lulju 2018[3]. Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin kienu:

- Huwa meħtieġ mod ġdid ta' ħidma sabiex isiru liġijiet aħjar abbażi ta' fehim komuni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
- Hija meħtieġa "sussidjarjetà attiva" sabiex jingħata leħen aktar b'saħħtu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lill-Parlamenti nazzjonali sabiex jippromwovu s-sjieda ta' dak li tagħmel l-Unjoni.
- L-Unjoni għandha tuża r-riżorsi tagħha b'mod aktar effiċjenti u tipprijoritizza l-azzjonijiet tagħha, iżda ma hemm l-ebda raġuni sabiex jerġgħu jiġu ddelegati l-kompetenzi tat-Trattat jew oqsma sħaħ ta' politika lura lill-Istati Membri.

Fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità: Insaħħu r-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE"[4], li ġiet adottata fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni stabbilixxiet f'termini ġenerali r-rispons tagħha lit-Task Force. Hija stiednet ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħrajn, lill-korpi konsultattivi, lill-Parlamenti nazzjonali u lil oħrajn sabiex jikkunsidraw kif jirrispondu għar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force.

---

[2] Tliet membri mill-Parlamenti nazzjonali, is-Sur Lopatka (l-Awstrija), is-Sur Vigenin (il-Bulgarija) u s-Sur Vitsut (l-Estonja), u tliet membri mill-Kumitat tar-Reġjuni, is-Sur Lambertz (il-Belġju), is-Sur Schneider (il-Ġermanja) u s-Sur Decoster (Franza). Il-Parlament Ewropew ma laqax l-istedina tal-Kummissjoni sabiex ikun involut fit-Task Force.

[3] https://ec.europa.eu/commission/priorities/democratic-change/better-regulation/task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt

[4] COM(2018) 703.

Il-Kummissjoni ser:

- Tippreżenta valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità b'mod strutturat standard, billi tuża l-grilja tal-valutazzjoni komuni proposta mit-Task Force. Din tipproduċi l-benefiċċji kollha tagħha jekk il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Parlamenti nazzjonali jagħmlu l-istess.
- Timmira l-fehmiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali aħjar fil-konsultazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet minħabba li l-esperjenza diretta tagħhom li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea hija essenzjali.
- Teżamina l-leġiżlazzjoni eżistenti aktar mill-qrib mill-perspettiva tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dan jinkludi atti delegati u ta' implimentazzjoni.
- Tgħin lill-Parlamenti nazzjonali jeżegwixxu r-rwol tagħhom b'mod aktar effettiv billi jnaqqsu, bi qbil mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, il-perjodu tal-btajjel tal-Milied jew tas-Sena l-Ġdida mill-perjodu ta' tmien ġimgħat li matulu jistgħu jibagħtu opinjonijiet motivati.
- Tipproduċi reazzjonijiet aggregati fejn erba' Parlamenti nazzjonali jew aktar joħorġu opinjonijiet motivati dwar proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni, iżda fejn l-għadd tagħhom ma jilħaqx il-limitu meħtieġ għall-iskattar ta' "karta safra". Dan jagħti aktar prominenza lill-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali u stampa komprensiva tat-tħassib imqajjem, kif ukoll tal-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni, li ser ikunu wkoll disponibbli għall-pubbliku u għall-koleġiżlaturi.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-15 ta' April 2019 dwar ir-rendikont tal-aġenda ta' regolamentazzjoni aħjar[5], il-Kummissjoni stabbilixxiet l-azzjonijiet li qed tippjana li tieħu sabiex tħejji l-proposti leġiżlattivi tagħha.

Fil-15 u s-16 ta' Novembru 2018, l-Ewwel Viċi President Timmermans ippreżenta l-approċċ tal-Kummissjoni f'konferenza dwar "Is-sussidjarjetà bħala prinċipju ta' bini tal-Unjoni Ewropea" organizzata fi Bregenz mill-Presidenza Awstrijaka.

Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet mis-*Senat* Pollakk, fil-qafas tad-djalogu politiku, l-ewwel opinjoni dwar il-Komunikazzjoni tagħha tat-23 ta' Ottubru. Is-*Senat* esprima appoġġ għall-intenzjonijiet tal-Kummissjoni, filwaqt li talab għal tisħiħ ulterjuri tar-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fir-reviżjoni li jmiss tat-trattati[6].

Regolamentazzjoni aħjar - analiżi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

Fl-2018, il-Kummissjoni kompliet tapplika l-aġenda msaħħa tagħha ta' Regolamentazzjoni Aħjar u tintegra l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika tagħha abbażi ta' gwida mtejba ppubblikata fl-2017. Il-portal tal-web "Semma' leħnek"[7] ittejjeb aktar sabiex jipprovdi punt uniku ta' aċċess għaċ-ċittadini u l-partijiet interessati sabiex jipparteċipaw fit-tħejjija tal-politika tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kompliet ukoll tevalwa l-liġijiet u l-oqfsa ta' politika eżistenti, qabel ippreżentat proposti għar-reviżjoni tagħhom. Dawn l-

5 COM(2019) 178.
6 Barra minn hekk, waslu opinjonijiet, ġeneralment ta' appoġġ, minn kmamar oħrajn fl-ewwel trimestru tal-2019.
7 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt

evalwazzjonijiet jinkludu valutazzjonijiet ta' jekk il-miżuri ta' politika eżistenti għadhomx "adatti għall-iskop tagħhom" u sa liema punt jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Is-sit web tal-Kummissjoni "Ħaffef il-piż – Semma' leħnek"[8] u l-Pjattaforma dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)[9] jipprovdu modi sabiex il-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati jikkomunikaw mal-Kummissjoni dwar il-piżijiet eċċessivi possibbli jew l-ineffiċjenzi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, li jistgħu jikkonċernaw ukoll aspetti ta' sussidjarjetà jew proporzjonalità. Fl-2018, il-Pjattaforma REFIT ipproduċiet 20 opinjoni b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar kif tissimplifika u tnaqqas il-piżijiet regolatorji tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni[10]. Il-Kummissjoni qed tirrispondi għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Ħidma tagħha.

Il-linji gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar u s-"sett ta' għodod" li jakkumpanjahom[11] jesiġu li l-Kummissjoni twettaq analiżi tas-sussidjarjetà meta tkun qed tikkunsidra inizjattiva ġdida f'oqsma fejn l-Unjoni ma għandhiex kompetenza esklussiva, u meta tevalwa r-rilevanza u l-valur miżjud Ewropew ta' intervent eżistenti. Il-Kummissjoni tanalizza s-sussidjarjetà kemm għal inizjattivi leġiżlattivi kif ukoll għal dawk mhux leġiżlattivi.

L-għan tal-analiżi huwa li jiġi vvalutat:

1. jekk azzjoni fuq livell lokali, reġjonali jew nazzjonali hijiex biżżejjed sabiex jintlaħaq l-għan segwit; kif ukoll

2. jekk l-azzjoni tal-Unjoni tipprovdix valur miżjud meta mqabbla ma' azzjoni meħuda mill-Istati Membri.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati. Ir-rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità jirrigwardja l-iżgurar li l-approċċ u l-livell ta' intervent regolatorju jkunu jaqblu mal-għan tiegħu. Il-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità kollha għandhom janalizzaw b'mod ċar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Valutazzjonijiet tal-impatt

Fl-2018, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[12] ("il-Bord") eżamina bir-reqqa 75 valutazzjoni tal-impatt u ħareġ opinjoni[13] dwar kull wieħed minn dawn il-każijiet. F'16-il każ, l-analiżi tas-

---

8 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/lighten-load_mt

9 https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-and-less-costly/refit-platform/refit-platform-work-progress_mt. Sa mill-bidu tagħha fl-2015, il-pjattaforma REFIT ipproduċiet 89 rakkomandazzjoni.

10 http://ec.europa.eu/smart-regulation/refit/simplification/consultation/contributions_mt.htm

11 https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox_mt

12 Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jikkonsisti minn President (fil-livell ta' Direttur Ġenerali) u sitt membri full-time, li tlieta minnhom jiġu rreklutati minn barra l-Kummissjoni. Il-membri kollha tal-Bord huma indipendenti u jiffunzjonaw f'kapaċità personali abbażi tal-għarfien espert individwali tagħhom. Il-Bord jirrieżamina l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt, il-kontrolli tal-idoneità u l-evalwazzjonijiet ewlenin. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma parti minn dan il-kontroll tal-kwalità. https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt.

13 L-opinjonijiet jiġu ppubblikati flimkien mal-valutazzjonijiet tal-impatt, meta l-inizjattivi jiġu adottati mill-Kummissjoni.

sussidjarjetà u tal-valur miżjud Ewropew kellha bżonn tittejjeb, filwaqt li 47 opinjoni kien fihom kummenti mmirati biex itejbu l-analiżi tal-proporzjonalità u t-tqabbil tal-għażliet ta' politika. L-eżempji li ġejjin juru kif il-Bord ivvaluta s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fl-2018 u għen lill-Kummissjoni ttejjeb l-analiżi tagħha ta' kif il-proposti huma konformi ma' dawn il-prinċipji:

- Wara l-iskrutinju tal-Bord, il-**kamp ta' applikazzjoni** tal-proposta tal-Kummissjoni dwar **prattiki kummerċjali żleali ġie llimitat** għar-relazzjonijiet ta' negozjar asimmetriku ma' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) minflok għall-**katina kollha tal-provvista tal-ikel**[14].
- Fl-opinjoni pożittiva tiegħu b'riżervi dwar **kontenut online illegali**[15], il-Bord ikkontesta l-proporzjonalità tal-għażliet ta' politika previsti, billi sostna li dawn ma kinux konsistenti mal-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent. Dawn tal-aħħar iffokaw fuq kontenut terroristiku online, iżda l-linja bażi u l-għażliet ta' politika ma kinux jirriflettu dak l-iffokar kif suppost. Il-valutazzjoni tal-impatt kellha bżonn tirrifletti aħjar għaliex azzjoni addizzjonali fuq kontenut terroristiku kienet aktar urġenti minn dik għal kontenut illegali ieħor. Bħala riżultat, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet riveduta u l-**għażliet ta' politika ġew adattati sabiex jiżguraw iffokar aħjar u kontenut aktar dettaljat**.
- Fl-opinjoni negattiva tiegħu dwar il-**protezzjoni tal-informaturi**[16], il-Bord ikkontesta l-analiżi tas-sussidjarjetà tal-valutazzjoni tal-impatt u talab li din tittejjeb. Wara dan, il-valutazzjoni tal-impatt riveduta żviluppat il-loġika għal azzjoni tal-Unjoni Ewropea fin-nuqqas ta' liġijiet Ewropej nazzjonali jew eżistenti suffiċjenti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta. Id-**dimensjoni transkonfinali ġiet enfasizzata u murija aħjar**, sabiex b'hekk intweriet il-ħtieġa għal azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea.
- Fil-każ tal-**Programm Ewropa Diġitali**[17], li huwa parti mill-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, il-Bord kien tal-fehma li l-valutazzjoni tal-impatt suppost li kellha tagħti rendikont aħjar tal-impenji tal-Istati Membri sabiex jinvestu b'mod konġunt u jikkontribwixxu assi għal infrastruttura konġunta fil-livell Ewropew. Il-valutazzjoni tal-impatt suppost li kellha tidentifika aħjar it-talba tal-Istati Membri, tal-komunità tar-riċerka, u tas-settur privat sabiex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ tagħhom. Hija kellha turi kif il-programm ta' nfiq jgħin sabiex tiġi koperta din it-talba. B'rispons għat-tħassib tal-Bord, it-**taqsima dwar l-involviment tal-Istati Membri** fil-valutazzjoni tal-impatt riveduta ġiet **estiża u organizzata mill-ġdid sabiex tikkorrispondi għall-ħames partijiet tal-programm**.

Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kienu elementi essenzjali fl-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità retrospettivi, li jivvalutaw jekk l-azzjonijiet Ewropej humiex qegħdin jagħtu r-riżultati mistennija f'termini ta' effiċjenza, effettività, koerenza, rilevanza u valur miżjud Ewropew. Fl-2018, il-Kummissjoni ffinalizzat madwar 70 evalwazzjoni, inklużi tliet kontrolli tal-idoneità (evalwazzjonijiet ta' oqsma ta' politika aktar ġenerali). It-tliet kontrolli tal-idoneità kienu

[14] http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/2/2018/EN/SEC-2018-182-3-EN-MAIN-PART-1.PDF
[15] http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/2/2018/EN/SEC-2018-397-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF
[16] http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/2/2018/EN/SEC-2018-198-3-EN-MAIN-PART-1.PDF
[17] http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/2/2018/EN/SEC-2018-289-1-EN-MAIN-PART-1.PDF

jikkonċernaw l-affarijiet marittimi, il-migrazzjoni legali u l-leġiżlazzjoni kimika (minbarra r-REACH).

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju eżamina bir-reqqa 10 evalwazzjonijiet ewlenin u kontrolli tal-idoneità fl-2018. Huwa għamel rakkomandazzjonijiet għal titjib taħt il-kategorija ta' "rilevanza u valur miżjud/sussidjarjetà tal-UE" f'seba' każijiet, inkluż dwar il-migrazzjoni legali, dwar is-sajd u l-affarijiet marittimi, dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni u dwar l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. Dan l-iskrutinju għen sabiex titjieb l-analiżi tal-Kummissjoni fl-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità[18].

2.2. Il-Parlament Ewropew

Fl-2018, il-Parlament Ewropew irċieva formalment 473 sottomissjoni mill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità[19]. 46 minn dawn kienu opinjonijiet motivati, filwaqt li l-427 l-oħrajn kienu kontribuzzjonijiet (sottomissjonijiet li ma jqajmux kwistjonijiet dwar il-konformità tas-sussidjarjetà). B'paragun, 49 opinjoni motivata u 372 kontribuzzjoni ġew trażmessi uffiċjalment lill-Parlament Ewropew fl-2017. Il-proporzjon ta' opinjonijiet motivati għal kontribuzzjonijiet għadu baxx, li jindika li l-Parlamenti nazzjonali ma jqisux il-kontroll tas-sussidjarjetà bħala mezz sabiex jitwaqqaf il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, iżda pjuttost bħala mod kif jesprimu l-fehmiet u t-tħassib tagħhom[20].

Skont l-Anness V għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, huwa l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) li għandu r-responsabbiltà orizzontali sabiex jiżgura l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull sitt xhur, Membru tal-Kumitat JURI jinħatar bħala rapporteur permanenti għas-sussidjarjetà abbażi ta' rotazzjoni fost il-gruppi politiċi. Sajjad Karim (il-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej) kien ir-rapporteur permanenti matul l-ewwel nofs tal-2018, segwit minn Gilles Lebreton (Ewropa tan-Nazzjonijiet u tal-Libertà) għat-tieni nofs tas-sena. L-opinjonijiet motivati riċevuti u kkonfermati bħala tali mill-Kumitat huma inklużi għal informazzjoni fl-aġenda tal-ewwel laqgħa disponibbli tal-Kumitat JURI.

Il-Kumitat JURI jfassal ukoll regolarment rapport dwar ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. B'mod eċċezzjonali, l-aħħar rapport dwar ir-Rapport Annwali dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kopra kemm l-2015 kif ukoll l-2016. Dan ir-rapport minn Mady Delvaux (is-Soċjalisti u d-Demokratiċi) ġie adottat mill-Plenarja fit-18 ta' April 2018[21].

Il-Kumitat JURI jikkontribwixxi wkoll għar-rapporti biannwali mill-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC)[22] dwar

---

[18] Aktar informazzjoni dwar il-kontrolli tal-idoneità fuq is-sit web tal-pjattaforma ta' REFIT: https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-and-less-costly/refit-platform/refit-platform-work-progress_mt.

[19] Għall-proċedura ta' kif il-Parlament Ewropew jittratta l-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali, ara r-Rapport Annwali 2016 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità, il-punt 2.3.

[20] Is-sottomissjonijiet kollha tal-Parlamenti nazzjonali huma disponibbli fuq 'Connect', il-bażi ta' data tal-Parlament Ewropew ta' dokumenti sottomessi tal-Parlamenti nazzjonali: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/connect/welcome.html

[21] http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2018-0120_MT.html?redirect

[22] Dwar il-COSAC, ara t-taqsima 5 hawn taħt

kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità. B'mod partikolari, meta kien qed iwieġeb għad-29 Rapport Biannwali tal-COSAC u fid-dawl tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Mejju 2017, il-Kumitat JURI afferma mill-ġdid li, f'rieżami possibbli tat-Trattati, il-proċess tal-verifika tas-sussidjarjetà jista' jittejjeb sabiex ikun aktar effettiv[23]. Pereżempju, tista' tingħata kunsiderazzjoni għal jekk l-opinjonijiet motivati għandhomx ikunu limitati għall-eżami tar-raġunijiet ta' sussidjarjetà jew jekk għandhomx jinkludu wkoll valutazzjonijiet tal-proporzjonalità, u x'għandu jkun l-effett f'każijiet fejn il-limitu għal dawn il-proċeduri jintlaħaq skont l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2.

Il-Kumitat JURI ssuġġerixxa wkoll li l-perjodu ta' tmien ġimgħat sabiex il-Parlamenti nazzjonali joħorġu opinjonijiet motivati jista' jiġi estiż abbażi ta' raġunijiet oġġettivi ġustifikati (eż. diżastri naturali u perjodi ta' waqfien). Dan jista' jinkiseb permezz ta' ftehim politiku bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Parlamenti nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kumitat JURI ppropona li l-Kummissjoni tista' tevalwa, flimkien mal-Parlamenti nazzjonali, il-possibbiltà li jiġu stabbiliti linji gwida mhux vinkolanti sabiex jgħinu lill-Parlamenti nazzjonali fil-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, mingħajr ma tiddgħajjef id-diskrezzjoni tagħhom.

Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew kompla jgħin ukoll lill-Parlament Ewropew sabiex iqis il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tiegħu:

- billi eżamina bir-reqqa u b'mod sistematiku l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u ġibed l-attenzjoni għal xi tħassib espress f'dan ir-rigward, b'mod partikolari mill-Parlamenti nazzjonali u mill-Kumitat tar-Reġjuni[24];
- billi żgura li dawn il-prinċipji jiġu rrispettati bis-sħiħ fil-ħidma tal-Parlament Ewropew stess, pereżempju meta jwettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-emendi sostantivi tiegħu stess jew meta janalizza l-valur miżjud tal-proposti tal-Parlament għal leġiżlazzjoni ġdida, abbażi tal-Artikolu 225 tat-TFUE, u l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll
- billi eżamina bir-reqqa l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità waqt l-abbozzar tal-valutazzjonijiet tal-impatt, b'enfasi fuq il-valur miżjud tal-Unjoni Ewropea minflok fuq in-nefqa jew l-azzjonijiet nazzjonali.

2.3. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Fil-konklużjonijiet adottati waqt il-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2018 fil-kuntest tal-ikkompletar ulterjuri tal-Aġenda tas-Suq Uniku tal-Unjoni Ewropea[25], il-Kunsill Ewropew "talab

---

[23] Ara t-tweġiba tal-Parlament Ewropew fl-Anness għad-29 Rapport Biannwali EN (p. 346), http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc565f936fe0165fc71d02603b4&appLng=MT

[24] Fl-2018, il-Parlament Ewropew ipproduċa 64 Evalwazzjoni fil-Qosor Inizjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, evalwazzjoni fil-qosor dettaljata waħda ta' valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u valutazzjoni tal-impatt sħiħa waħda, 17-il valutazzjoni tal-impatt Ewropej *ex post*, 6 evalwazzjonijiet *ex post* oħrajn u 4 dokumenti tal-Implimentazzjoni fl-Azzjoni relatati ma' dan. Huwa kkompleta wkoll tliet rapporti dwar il-kost tan-non-Ewropa, sitt Valutazzjonijiet tal-Valur Miżjud Ewropew u analiżi waħda tal-ispejjeż u l-benefiċċji.

[25] EUCO dok 17/18., il-punti II/2 u IV/15, disponibbli fuq:

l-implimentazzjoni u l-infurzar, fil-livelli kollha tal-gvern, tad-deċiżjonijiet meħuda u tar-regoli adottati, kif ukoll il-ħarsien tal-istandards u l-iżgurar tal-applikazzjoni intelliġenti tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, *inklużi s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità*". F'dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill Ewropew laqa' wkoll, fid-dawl tat-tħejjija tal-aġenda Strateġika li jmiss tal-Mexxejja, ir-rapport konġunt dwar il-Konsultazzjonijiet taċ-Ċittadini. Dan ir-rapport konġunt, li kien sottomess f'isem il-Presidenza Awstrijaka u l-Presidenza Rumena li jmiss tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "il-Kunsill"), issottolinja l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà[26].

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Novembru 2018 dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Rieżami *ex post* tal-leġiżlazzjoni tal-UE: sistema stabbilita sewwa, iżda inkompleta"[27], il-Kunsill "*issottolinja l-importanza* tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet (..), l-għanijiet rilevanti tiegħu - bħall-enfasi leġiżlattiva fuq l-oqsma bl-akbar valur miżjud għaċ-ċittadini Ewropej, is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-evitar tar-regolamentazzjoni żejda u *l-prinċipji bħas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità*, iċ-ċertezza legali u t-trasparenza".

Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 2 għat-Trattati, il-Kunsill għandu jibgħat lill-Parlamenti nazzjonali l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi kollha (u l-abbozzi emendati) li joriġinaw minn grupp ta' Stati Membri, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2, il-President tal-Kunsill għandu jibgħat kwalunkwe opinjoni ta' Parlament nazzjonali dwar abbozz ta' att leġiżlattiv li joriġina minn grupp ta' Stati Membri lill-gvernijiet tal-Istati Membri proponenti. Bl-istess mod, il-President tal-Kunsill għandu jibgħat l-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi li joriġinaw mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Bank Ewropew tal-Investiment lill-istituzzjoni kkonċernata jew lill-korp ikkonċernat.

F'April 2018, il-Kunsill bagħat lill-Parlamenti nazzjonali talba mill-Qorti tal-Ġustizzja għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 281 tat-TFUE[28]. F'Ottubru 2018, huwa bagħat lill-Parlamenti nazzjonali talba mill-Bank Ewropew tal-Investiment lill-Kunsill sabiex jemenda l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment, abbażi tal-proċedura leġiżlattiva speċjali stipulata fl-Artikolu 308 tat-TFUE[29].

Minbarra l-obbligi tiegħu skont it-Trattat, il-Kunsill iżomm ukoll lill-Istati Membri infurmati dwar l-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni. Fl-

---

https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-17-2018-INIT/mt/pdf.

26 Dokument tal-Kunsill 14535/18, il-paġna 7, disponibbli fuq: https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14535-2018-INIT/mt/pdf

27 Dokument tal-Kunsill 14137/18, il-punt 3, disponibbli fuq: https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14537-2018-INIT/en/pdf.

28 Il-Kunsill 2018/0900 (COD) — dok. 7586/18, disponibbli fuq https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7586-2018-INIT/mt/pdf

29 Il-Kunsill 2018/0811 (CNS) — dok. 13166/18, disponibbli fuq: https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13166-2018-INIT/mt/pdf

2018, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bagħat lid-delegazzjonijiet 36 opinjoni motivata, li waslu skont il-Protokoll Nru 2, u 200 opinjoni maħruġa skont id-djalogu politiku[30].

2.4. Il-Kumitat tar-Reġjuni[31]

Is-sena 2018 kienet ikkaratterizzata mill-ħidma tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti"[32], fejn id-delegazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("il-Kumitat") enfasizzat l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Ewropa kollha kemm hi.

Fil-fehma tal-Kumitat, il-ħidma tat-Task Force irriżultat f'bidla sinifikanti fil-mod ta' kif is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma meqjusa fl-Unjoni Ewropea, u għamlet enfasi fuq il-ħtieġa għal approċċ ġdid għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni Ewropea. Wara t-tmiem tal-mandat tat-Task Force, f'diversi okkażjonijiet, il-Kumitat esprima l-impenn tiegħu għal dan l-approċċ ġdid, imsejjaħ "Sussidjarjetà Attiva — mod ġdid ta' ħidma", notevolment bid-dikjarazzjoni tal-Bureau tiegħu[33] tal-14 ta' Settembru 2018. Il-Kumitat ħa wkoll passi u azzjonijiet konkreti sabiex jimplimenta dan l-approċċ ta' "Sussidjarjetà attiva" fil-ħidma politika u konsultattiva tiegħu.

Eżempju ewlieni ta' dawn l-isforzi huwa l-proġett pilota għal netwerk ta' ċentri reġjonali sabiex jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea[34]. Il-proġett kien fost ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali tat-Task Force u kien approvat mill-Bureau tal-Kumitat fit-8 ta' Ottubru 2018. L-għan ewlieni tiegħu kien li jgħaddi l-esperjenza lokali u reġjonali dwar l-implimentazzjoni tal-politika Ewropea sabiex jiżdied il-valur miżjud tal-liġijiet tal-Unjoni. Huwa ppjanat li l-fażi pilota ddum għaddejja għal sentejn b'20 reġjun parteċipant u din kienet imnedija politikament fit-tmien Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet fl-14 u l-15 ta' Marzu 2019 f'Bukarest.

Fl-2018, il-Kumitat reġa' implimenta l-programm ta' ħidma dwar is-Sussidjarjetà bħala l-istrument ewlieni tiegħu għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Oriġinarjament, intgħażlu ħames inizjattivi ta' prijorità u ħames inizjattivi addizzjonali mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018. Madankollu, minħabba l-ħidma tad-delegazzjoni tal-Kumitat għat-Task Force, l-attivitajiet regolari ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-Kumitat ġew sospiżi għall-ewwel nofs tal-2018. Bħala parti mill-programm ta' ħidma rivedut dwar is-Sussidjarjetà għat-tieni nofs tal-2018[35], ġew immonitorjati żewġ inizjattivi ta' prijorità minn fost il-ħamsa oriġinarjament magħżula.

---

[30] Hemm diskrepanza fl-għadd ta' opinjonijiet motivati rreġistrati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, minħabba li mhux l-istituzzjonijiet kollha rċevew l-opinjonijiet motivati kollha, jew inkella l-istituzzjonijiet jgħoddu l-għadd ta' opinjonijiet motivati li jirċievu b'mod differenti. Ara wkoll in-nota 45 f'qiegħ il-paġna

[31] Deskrizzjoni aktar dettaljata tal-attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà hija pprovduta fir-Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà tal-2018 maħruġ mill-Kumitat tar-Reġjuni, disponibbli wara l-adozzjoni mill-Bureau tal-Kumitat tar-Reġjuni fuq http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Pages/default.aspx

[32] Dwar il-ħidma ta' din it-Task Force, ara wkoll it-taqsima 2.1.

[33] Dikjarazzjoni tal-Bureau dwar l-Implimentazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, COR-2018-03130-00-02-DECL-TRA.

[34] Segwitu tat-task force dwar is-sussidjarjetà: Proġett pilota għal netwerk ta' ċentri reġjonali sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, COR-2018-03132-05-00-NB-TRA.

[35] COR-2018-01703-09-00-NB-TRA.

Barra minn hekk, abbażi tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess, il-Kumitat ivvaluta l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-proposti leġiżlattivi li jkun ħareġ opinjonijiet dwarhom[36]. Fl-2018, huwa adotta 78 opinjoni, li minnhom, 40 kienu relatati ma' proposta leġiżlattiva, 35 kienu jinkludu valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u 33 kienu jinkludu valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà wettaq żewġ konsultazzjonijiet dwar l-inizjattivi ta' prijorità fil-programm ta' ħidma dwar is-Sussidjarjetà fit-tieni nofs tal-2018 sabiex jappoġġja l-ħidma tar-rapporteurs.

Il-pakkett dwar il-Ġustizzja Soċjali[37] kien l-ewwel mill-inizjattivi ta' prijorità inklużi fil-programm ta' ħidma dwar is-Sussidjarjetà għat-tieni nofs tal-2018. Il-Grupp ta' Tmexxija dwar is-Sussidjarjetà enfasizza li l-enfasi għandha titpoġġa fuq l-inizjattivi leġiżlattivi relatati mal-istabbiliment ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol, ippubblikati fit-13 ta' Marzu 2018[38]. Għalhekk, il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà kien ikkonsultat rigward il-proposta leġiżlattiva dwar l-istabbiliment ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol, u l-maġġoranza tal-esperti qajmu tħassib dwar l-applikazzjoni tas-sussidjarjetà, iżda ma qisux din il-proposta bħala ksur ċar tal-prinċipju.

Il-kwistjoni ewlenija enfasizzata fil-kontribuzzjonijiet hija jekk l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ġdida hijiex tabilħaqq alternattiva aħjar, fis-sens tal-iskala u l-effett, għal mekkaniżmu ta' kooperazzjoni msaħħaħ bejn l-awtoritajiet nazzjonali. L-opinjoni kkonkludiet li: "il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jiġi rrispettat bis-sħiħ f'kull livell ta' żvilupp tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u l-kompetenzi nazzjonali kollha fi kwistjonijiet ta' politika soċjali u tax-xogħol għandhom jiġu rrispettati", filwaqt li tinnota li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol għandha tippermetti l-mudelli u l-prijoritajiet differenti tas-suq tax-xogħol li jista' jkollhom l-Istati Membri.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kien it-tieni inizjattiva ta' prijorità fil-programm ta' ħidma dwar is-Sussidjarjetà għat-tieni nofs tal-2018. Mill-pakkett ta' proposti leġiżlattivi, l-unika proposta fejn tqajjem tħassib kienet il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri[39], fejn ġie enfasizzat li ma kien hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt u li, minħabba l-importanza tagħha u l-kontenut kompletament ġdid, dan għandu jitqies bħala nuqqas proċedurali fundamentali. Filwaqt li "tilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi tliet riżorsi proprji ġodda", l-opinjoni tinkludi li l-Kumitat tar-Reġjuni "jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi riżorsi proprji ġodda ma tipprovdi ebda valutazzjoni suffiċjenti tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif ukoll li l-impatt potenzjali tal-proposta fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ma ġiex evalwat". Il-Kummissjoni wieġbet li l-introduzzjoni ta' riżorsi ġodda għandha tnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri abbażi tal-Introjtu Nazzjonali Gross, u li l-prinċipju tal-kondiviżjoni ta' bażi għat-taxxa komuni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, pereżempju t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kien prattika stabbilita sewwa.

---

[36] Ir-Regola 55.2 tar-Regoli ta' Proċedura, ĠU L65, 5.3.2014, p. 41.
[37] COM(2018) 131 u COM(2018) 132.
[38] COM(2018) 131.
[39] COM(2018) 324.

Minbarra l-kontribuzzjonijiet tiegħu dwar l-għażla u l-analiżi tal-inizjattivi ta' prijorità tal-programm ta' ħidma dwar is-Sussidjarjetà għat-tieni nofs tal-2018, il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà kien ikkonsultat ukoll sabiex jiffaċilita l-ħidma tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti". L-esperti ġew ikkonsultati dwar il-Kompitu (a) tal-mandat tat-Task Force, b'mod partikolari dwar il-Grilja tal-Valutazzjoni tas-Sussidjarjetà, u r-riżultati ġew inklużi fil-kontribuzzjoni tal-membri tal-Kumitat għat-tielet laqgħa tat-Task Force fil-15 ta' Marzu 2018.

Il-Grupp ta' Tmexxija dwar is-Sussidjarjetà, li jappoġġja l-ħidma tad-delegazzjoni tal-Kumitat għat-Task Force, iltaqa' ħames darbiet fl-2018, jiġifieri aktar mis-snin preċedenti. Fit-28 ta' Mejju 2018, il-Kumitat ospita Seduta ta' Smigħ tat-Task Force maħsuba sabiex tappoġġja l-ħidma tiegħu. Din is-seduta ta' smigħ kienet opportunità għall-partijiet interessati sabiex jesprimu t-tħassib u s-suġġerimenti tagħhom direttament lit-Task Force, u serviet sabiex tinforma r-rapport finali tat-Task Force.

In-Netwerk ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà[40] kompla jkun strument importanti għall-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-Sussidjarjetà tal-Kumitat. In-netwerk inbidel ftit biss meta mqabbel mal-2017, bl-għadd ta' msieħba żdied minn 155 għal 156 sal-aħħar tal-2018. L-uniku sieħeb ġdid mill-2018 kien il-muniċipalità ta' Maia mill-Portugall.

Fl-2018, il-livell ta' attività tal-pjattaforma REGPEX[41] tan-Netwerk ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà kompla jikber. Is-sottonetwerk tan-Netwerk ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà miftuħ għall-parlamenti u l-gvernijiet tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi qed jintuża dejjem aktar, b'95 kontribuzzjoni magħmula fl-2018. Din hija żieda sinifikanti ħafna fuq is-snin preċedenti (66 kontribuzzjoni fl-2017, 28 kontribuzzjoni fl-2016), li tista' tirrifletti r-rilevanza politika dejjem tikber tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-Unjoni Ewropea. Il-proposti li rċevew l-ogħla numru ta' reazzjonijiet mill-imsieħba ta' REGPEX kienu l-proposti għal Direttiva dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem[42] u għal Deċiżjoni dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili[43], it-tnejn b'sitt kontribuzzjonijiet.

2.5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Fl-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza waħda rigward ir-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità mil-leġislatur tal-Unjoni. Hija kkonfermat li dawn il-prinċipji ġew irrispettati. Dan kien fil-kawża *Swedish Match AB* tat-22 ta' Novembru 2018[44] (il-Kawża C-151/17), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tad-Direttiva 2014/40/UE tal-

[40] http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/thesmn/Pages/default.aspx, imniedi f'April 2007, in-Netwerk ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà twaqqaf sabiex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-livell tal-Unjoni rigward diversi dokumenti u proposti leġiżlattivi u politiċi mill-Kummissjoni. Huwa jservi bħala punt ta' aċċess li jippermetti lill-imsieħba kollha tiegħu mhux biss jiksbu l-informazzjoni, iżda wkoll jesprimu l-fehmiet tagħhom.

[41] http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx, is-subnetwerk tan-Netwerk ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà għall-assemblei reġjonali b'setgħat leġiżlattivi jservi sabiex jappoġġja l-parteċipazzjoni tal-imsieħba tiegħu fil-fażi bikrija tal-proċedura leġiżlattiva tal-Unjoni Ewropea (il-perjodu tas-Sistema ta' Twissija Bikrija).

[42] COM(2017) 753.

[43] COM(2017) 772.

[44] Sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, C-151/17 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-High Court of Justice (l-Ingilterra u Wales), Queen's Bench Division (il-Qorti Amministrattiva) — ir-Renju Unit) — Swedish Match AB vs is-Segretarju tal-Istat għas-Saħħa, UE:C:2018:938.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u ta' prodotti relatati fid-dawl ta' dawk il-prinċipji.

Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-deċiżjoni preliminari kkonfermat li l-leġislatur tal-Unjoni kien intitolat, abbażi ta' studji xjentifiċi, fl-eżerċitar tad-diskrezzjoni wiesgħa disponibbli għalih f'dak ir-rigward u f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li jikkonkludi li t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk għall-użu orali jista' joħloq riskji għas-saħħa pubblika. Fir-rigward tal-adegwatezza tal-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk għall-użu orali sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li d-Direttiva ma qabżitx b'mod evidenti dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika.

Meta kkunsidrat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li d-Direttiva 2014/40 għandha għan doppju, jiġifieri li tfittex li tiffaċilita l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għat-tabakk, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

Minħabba l-interdipendenza ta' dawn iż-żewġ għanijiet, il-leġiżlatura tal-Unjoni seta' jqis b'mod leġittimu li huwa kellu jistabbilixxi sett ta' regoli għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni Ewropea ta' prodotti tat-tabakk għall-użu orali u li l-għan doppju seta' jintlaħaq aħjar fil-livell Ewropew. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li, anki jekk it-tieni minn dawk l-għanijiet jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Istati Membri, jibqa' l-fatt li s-segwitu tiegħu f'dak il-livell jista' jġib miegħu sitwazzjonijiet li fihom xi Stati Membri jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk għall-użu orali, filwaqt li Stati Membri oħrajn jipprojbixxuh. Dan imur kompletament kontra l-ewwel għan tad-Direttiva 2014/40/UE, jiġifieri t-titjib tal-funzjonament tas-suq intern għal prodotti tat-tabakk u prodotti relatati.

3. L-APPLIKAZZJONI TAL- MEKKANIŻMU TA' KONTROLL TAS-SUSSIDJARJETÀ MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

3.1. Ħarsa Ġenerali

Fl-2018, il-Kummissjoni rċeviet 37 **opinjoni motivata** mingħand il-Parlamenti nazzjonali[45], numru li kien ferm inqas minn dak fl-2016 (65) u fl-2017 (52). L-għadd globali ta' opinjonijiet li waslu fl-2018 kien kważi l-istess bħal fis-snin preċedenti (576 fl-2017, 569 fl-2018), li jfisser li l-proporzjon ta' opinjonijiet motivati mqabbel mal-għadd globali ta' opinjonijiet li waslu kompla jonqos, minn 10.5 % fl-2016 u 9 % fl-2017 għal 6.5 % fl-2018. Il-proporzjon ta' opinjonijiet motivati mqabbel mal-għadd globali ta' opinjonijiet dwar il-proposti tal-Kummissjoni soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà naqas ukoll b'mod qawwi, minn 17.6 % (65/370) fl-2016 u 16 % (52/325) fl-2017 għal 10.5 % (37/351) fl-2018.



Is-37 opinjoni motivata li waslu fl-2018 kienu jikkonċernaw 22 proposta jew pakkett differenti (ara l-Anness 1). Ħadd ma rċieva aktar minn erba' opinjonijiet motivati (b'bejn ħames u seba' voti). Dan jikkuntrasta mas-sitwazzjoni fl-2016, fejn il-proposta għar-rieżami tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema kienet irċeviet 14-il opinjoni motivata u skattat il-proċedura ta' "karta safra", u fl-2017, fejn il-proposta dwar is-suq intern tal-elettriku ġġenerat 11-il opinjoni motivata mingħajr ma skattat din il-proċedura. Il-proposti li wasslu għall-aktar opinjonijiet motivati kienu dawk dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, dwar it-tassazzjoni ta' attivitajiet diġitali fl-Unjoni u dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-

[45] Dan in-numru jirreferi għan-numru totali ta' opinjonijiet li waslu mingħand il-kmamar parlamentari skont il-Protokoll Nru 2 għat-Trattati. Opinjoni motivata li tikkonċerna aktar minn proposta waħda tal-Kummissjoni tgħodd biss bħala opinjoni motivata waħda għal finijiet ta' statistika, filwaqt li sabiex jiġi ddeterminat jekk il-limitu għal karta safra/oranġjo jintlaħaqx għal proposta tal-Kummissjoni, din l-opinjoni motivata tgħodd bħala opinjoni motivata waħda għal kull waħda mill-proposti koperti. B'kuntrast ma' dan, il-Parlament Ewropew jgħodd opinjonijiet motivati daqs kemm hemm proposti kkonċernati.

netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Kull waħda ġġenerat erba' opinjonijiet motivati. It-Taqsima 3.2 tiddeskrivihom f'aktar dettall.

Filwaqt li l-opinjonijiet motivati mibgħuta mill-Parlamenti nazzjonali ġeneralment jikkontestaw il-valur miżjud ta' azzjoni proposta fil-livell Ewropew meta mqabbla mal-azzjoni fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, ta' min isemmi wkoll li, għall-kuntrarju, l-opinjoni motivata maħruġa mill-*Assemblée nationale* Franċiża dwar il-pjanijiet strateġiċi skont il-politika agrikola komuni[46] opponiet id-delega eċċessiva tas-setgħa lill-Istati Membri u sabet li l-politika tiġi implimentata b'mod aktar effettiv fil-livell tal-Unjoni.

It-tnaqqis fl-għadd totali ta' opinjonijiet motivati maħruġa fl-2018 kien jirrifletti tnaqqis simili fl-għadd ta' opinjonijiet motivati maħruġa għal kull kamra. Fl-2018 kien hemm 14 mill-41 kamra li ħarġu opinjonijiet motivati (meta mqabbla ma' 26 fl-2016 u 19 fl-2017). Il-kamra li ħarġet bil-bosta l-akbar numru ta' opinjonijiet motivati kienet ir-*Riksdag* Żvediż. Huwa waħdu ħareġ 12-il opinjoni motivata, aktar minn terz tat-total. Kmamar oħrajn li ħarġu opinjonijiet motivati fl-2018 kienu: il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka (4), is-*Senát* Ċek (1), il-*Folketing* Daniż (2), id-*Dáil and Seanad Éireann* Irlandiżi (4)[47], il-*Bundestag* Ġermaniż (2), is-*Sénat* Franċiż (2), l-*Assemblée nationale* Franċiża (1), is-*Senato della Repubblica* Taljan (1), il-*Kamra tad-Deputati* Maltija (1), it-*Tweede Kamer* Olandiża (1), il-*Bundesrat* Awstrijak (3) u l-*House of Commons* (2) u l-*House of Lords* tar-Renju Unit (1).

3.2. Kawżi ewlenin

Din it-taqsima tippreżenta t-tliet proposti/pakketti individwali li rċevew l-akbar numru ta' opinjonijiet motivati fl-2018 (erbgħa kull wieħed/waħda).

- *Proposta dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb*

Fl-1 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni pproponiet li tfassal mill-ġdid id-Direttiva dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem[48]. Din il-proposta wasslet għal erba' opinjonijiet motivati[49].

Il-*Bundesrat* Awstrijak ikkontesta l-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet issuġġeriti dwar il-valutazzjoni tal-periklu u l-informazzjoni lill-pubbliku u l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja mas-sistema legali Awstrijaka. Id-*Dáil and Seanad Éireann* Irlandiżi sabu li l-proposta llimitat bla bżonn il-kamp ta' applikazzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet nazzjonali u ma qisitx l-arranġamenti eżistenti fil-livell nazzjonali u l-kunsiderazzjonijiet lokali u reġjonali. Il-*House of Commons* tar-Renju Unit sostniet li l-proposta naqset milli tispjega l-benefiċċju akbar li taġixxi fuq livell Ewropew u tat lill-Istati Membri ftit wisq diskrezzjoni sabiex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda, b'mod partikolari dwar ir-

[46] COM(2018) 392.

[47] Id-*Dáil* u s-*Seanad Éireann* issottomettew erba' opinjonijiet motivati konġunti.

[48] COM(2017) 753.

[49] Mill-*Bundesrat* Awstrijak, mill-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka, mid-*Dáil and Seanad Éireann* Irlandiżi u mill-*House of Commons* tar-Renju Unit. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll erba' opinjonijiet fil-kuntest tad-djalogu politiku, jiġifieri mis-*Senát* Ċek, mill-*Bundesrat* Ġermaniż, mill-*Assembleia da República* Portugiża u mis-*Senat* Rumen. Huma kollha appoġġjaw il-miżuri fil-livell tal-Unjoni iżda, għal tlieta minnhom (minbarra dik mill-*Assembleia da República* Portugiża), huma qajmu wkoll xi tħassib dwar il-proporzjonalità. Il-kontribuzzjonijiet mibgħuta mill-Parlamenti nazzjonali (ara t-taqsima 2.4 hawn fuq) kienu ġeneralment kritiċi għall-proposta.

rekwiżit li jiġi pprovdut aċċess għall-ilma tax-xorb fl-ispazji pubbliċi. Il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka kienet tal-fehma li l-kwalità tal-ilma u l-materji konnessi mal-aċċess liberu għall-ilma fl-ispazji pubbliċi jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali.

Fit-tweġibiet tagħha għat-tħassib dwar is-sussidjarjetà espress mill-Parlamenti nazzjonali, il-Kummissjoni enfasizzat li billi pproponiet ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb hija kienet qed tirrispondi għall-ewwel inizjattiva b'suċċess ta' Ċittadini Ewropej 'Right2Water' u għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li tistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti leġiżlattivi f'konformità mal-għan primarju tal-inizjattiva Ċittadini Ewropej[50]. Hija kienet qed issegwi wkoll l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb[51] ikkonfermat il-valur tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma tax-xorb fil-livell Ewropew. Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li l-għan tal-proposta li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem billi tiżgura ilma tax-xorb ta' kwalità għolja għaċ-ċittadini madwar l-Ewropa jista' jintlaħaq aħjar fil-livell Ewropew. Il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-proposta ħalliet lill-Istati Membri b'marġini wiesa' ta' diskrezzjoni meta biddlet id-Direttiva f'liġi nazzjonali u implimentatha.

- *Proposta għal Direttivi dwar it-tassazzjoni ta' attivitajiet diġitali fl-Unjoni*

Fil-21 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva li tistabbilixxi regoli li jirrigwardjaw it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti[52] u proposta għal Direttiva dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fuq id-dħul li jirriżulta mill-forniment ta' ċerti servizzi diġitali[53]. Dawn id-Direttivi fformaw parti minn pakkett dwar it-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali u kellhom l-għan li jindirizzaw il-problemi kkaġunati mill-fatt li l-qafas tat-taxxa korporattiva attwali ma żammx il-pass mal-karatteristiċi ġodda tas-settur diġitali. Dawn iż-żewġ proposti skattaw erba' opinjonijiet motivati[54]. L-erba' kmamar li ħarġu opinjonijiet motivati sostnew li t-tassazzjoni kienet primarjament kwistjoni għall-Istati Membri u li l-għan tal-proposti jista' jintlaħaq aħjar permezz ta' soluzzjonijiet nazzjonali kkoordinati fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari taħt l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li t-tassazzjoni tal-attivitajiet diġitali kellha dimensjoni internazzjonali minħabba li kienet imsejsa fil-qafas fiskali internazzjonali u kienet tikkonċerna każijiet fejn l-attivitajiet diġitali twettqu f'livell transkonfinali. L-azzjonijiet nazzjonali mhux ikkoordinati f'dan il-qasam joħolqu kumplessità, iwasslu għal distorsjonijiet fis-suq uniku u jżidu r-riskju ta' tassazzjoni doppja. F'dan l-isfond, soluzzjoni Ewropea żżid il-valur meta mqabbla ma' politiki nazzjonali differenti, minħabba li tnaqqas il-piż tal-konformità għan-negozji soġġetti għar-regoli ġodda u tibgħat sinjal qawwi lill-komunità internazzjonali li l-Unjoni

[50] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Right2Water", 2014/2239(INI); ĠU C 316, 22.9.2017, p. 99.

[51] SWD(2016) 428 finali.

[52] COM(2018) 147.

[53] COM(2018) 148.

[54] Mill-*Folketing* Daniż, mid-*Dáil and Seanad Éireann* Irlandiżi, mill-*Kamra tad-Deputati* Maltija u mit-*Tweede Kamer* Olandiża. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll 5 opinjonijiet fil-kuntest tad-djalogu politiku, jiġifieri mix-*Chambre des représentants* Belġjana, mis-*Senát* Ċek, mill-*Cortes Generales* Spanjola (2 opinjonijiet) u mill-*Assembleia da República* Portugiża. Dawn l-opinjonijiet, filwaqt li ġeneralment jappoġġjaw l-inizjattiva, enfasizzaw il-ħtieġa għal artikolazzjoni tajba bejn l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni u n-negozjati internazzjonali.

Ewropea hija impenjata li tiżgura t-tassazzjoni ġusta tal-ekonomija diġitali. Il-Kummissjoni kienet qed taħdem mill-qrib mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi sabiex tappoġġja l-iżvilupp ta' soluzzjoni internazzjonali, iżda dan jieħu ż-żmien u l-proposta dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti tistimola d-diskussjonijiet internazzjonali.

- *Proposta għal Regolament dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport*

Fis-27 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport[55]. Din il-proposta għandha l-għan li tappoġġja l-implimentazzjoni effiċjenti u f'waqtha tan-netwerk trans-Ewropew ewlieni tat-trasport u titlob li kull Stat Membru jaħtar awtorità kompetenti waħda li tagħti l-permessi. Hija wasslet għal erba' opinjonijiet motivati[56].

Ir-*Riksdag* Żvediż appoġġja l-għanijiet tal-proposta, iżda kkritika l-kamp ta' applikazzjoni propost tal-abbozz ta' Regolament, li għandu jinkludi l-komponenti infrastrutturali kollha tan-netwerk trans-Ewropew ewlieni tat-trasport, li jikkonsistu f'netwerks tat-trasport nazzjonali soġġetti għall-proċeduri nazzjonali tal-ippjanar u l-għoti tal-permessi. Fl-opinjoni tar-*Riksdag*, ma hemm ebda ħtieġa li jiġu kkontrollati bir-reqqa l-proċeduri nazzjonali tal-ippjanar u l-għoti tal-permessi, u lanqas il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali, inkluża l-awtonomija lokali u reġjonali. Il-*Bundestag* Ġermaniż appoġġja wkoll l-għanijiet tal-proposta, iżda kien tal-fehma li dawn l-għanijiet jistgħu jinkisbu b'mod effiċjenti mill-Istati Membri fil-livell lokali, reġjonali jew ċentrali, mingħajr il-ħtieġa li kull Stat Membru jkollu jaħtar awtorità kompetenti waħda. Huwa kkritika wkoll l-għażla ta' Regolament, wara li kkunsidra li Direttiva kienet tippermetti li s-sitwazzjonijiet nazzjonali speċifiċi jiġu kkunsidrati aktar. Is-*Senát* Ċek ikkunsidra li l-proċedura integrata unika proposta ma qisitx il-kumplessità tas-sitwazzjonijiet li nqalgħu u li s-sitwazzjoni attwali tista' tittejjeb bl-iskambju ta' prattika tajba bejn l-Istati Membri. L-*Oireachtas* Irlandiżi kienu tal-fehma li l-proposta llimitat bla bżonn it-teħid tad-deċiżjonijiet nazzjonali u ma qisitx il-kunsiderazzjonijiet lokali u reġjonali.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-proposta timmira lejn in-netwerk trans-Ewropew ewlieni tat-trasport, li l-importanza tiegħu f'livell transkonfinali u madwar l-Ewropa kollha hija ċara, u li huwa biss bit-twassil ta 'dan in-netwerk ewlieni kollu li l-Unjoni Ewropea tkun tista' tgawdi l-benefiċċji kollha tan-netwerk. Filwaqt li taqbel li l-awtorità kompetenti unika għandha tinħatar f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali u l-istrutturi amministrattivi, il-Kummissjoni enfasizzat li din l-awtorità kompetenti unika għandha tagħmel il-proċeduri inqas kumplessi, aktar effiċjenti u aktar trasparenti. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li, f'xi Stati Membri, dawn il-proċeduri għall-għoti tal-permessi huma diġà integrati u ċentralizzati ma' korp kompetenti wieħed li jaġixxi bħala mexxej għall-proċess kollu. Dan jispjega għaliex hija għażlet Regolament minflok Direttiva, sabiex b'hekk ma jkunx meħtieġ li l-miżuri nazzjonali jbiddlu Direttiva f'liġijiet nazzjonali meta l-organizzazzjoni nazzjonali tkun diġà konformi.

[55] COM(2018) 277.

[56] Mis-*Senát* Ċek, il-*Bundestag* Ġermaniż, id-*Dáil and Seanad Éireann* Irlandiżi u r-*Riksdag* Żvediż. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll tliet opinjonijiet fil-kuntest tad-djalogu politiku, jiġifieri mill-*Bundesrat* Ġermaniż, mill-*Assemblée nationale* Franċiża u mill-*Assembleia da República* Portugiża, li qajmu wkoll xi tħassib dwar il-proporzjonalità tal-azzjonijiet proposti.

4. DJALOGU POLITIKU MAL- PARLAMENTI NAZZJONALI

Osservazzjonijiet ġenerali dwar l-opinjonijiet bil-miktub

Fl-2018, il-Parlamenti nazzjonali indirizzaw 569 opinjoni (inklużi s-37 opinjoni motivata msemmija hawn fuq) lill-Kummissjoni. Dan huwa bejn wieħed u ieħor simili għall-2017, meta l-Parlamenti nazzjonali ħarġu 576 opinjoni. Fost dawn il-569 opinjoni, 351 (62 %) kienu jikkonċernaw proposti tal-Kummissjoni soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà. Il-bqija tal-218-il opinjoni (38 %) jew kienu jikkonċernaw inizjattivi mhux leġiżlattivi, bħal komunikazzjonijiet, jew inkella kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja. Dan il-proporzjon relattivament għoli juri l-interess tal-Parlamenti nazzjonali li jipprovdu kontribut politiku siewi lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.



Il-parteċipazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni

Saħansitra aktar mis-snin preċedenti, l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni kien ivajra sostanzjalment bejn il-Parlamenti nazzjonali. L-aktar għaxar kmamar attivi ħarġu 472 opinjoni, jiġifieri 83 % tat-total (2017: 74 %, 2016: 73 %, 2015: 72 %), filwaqt li 10 kmamar[57] (erbgħa fl-2017) ma ħarġu ebda opinjoni.

Il-kamra li ssottomettiet l-akbar għadd ta' opinjonijiet fl-2018 kienet l-*Assembleia da República* Portugiża. Id-99 opinjoni tagħha kienu jammontaw għal aktar minn 17 % tal-għadd totali ta' opinjonijiet riċevuti. Id-disa' Parlamenti nazzjonali jew kmamar l-oħrajn li bagħtu l-akbar għadd ta' opinjonijiet fl-2017 kienu s-*Senat* Ċek (81 opinjoni), il-*Cortes Generales* Spanjola (53 opinjoni), il-*Bundesrat* Ġermaniż (52 opinjoni), il-*Camera Deputatilor* Rumena (48 opinjoni), is-*Senat* Rumen (45 opinjoni), il-*Poslanecka snemovna* Ċeka (37 opinjoni), is-*Senat* Franċiż (24 opinjoni), is-*Senato della Repubblica* Taljan (18-il opinjoni) u r-Riksdag Żvediż (15-il opinjoni). L-Anness 2 juri l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta minn kull kamra.

57 In-Nationalrat Awstrijak, in-Narodno Sabranie Bulgaru, il-Vouli ton Antiprosopon Ċiprijott, ir-Riigikogu Estonjan, l-Eduskunta Finlandiż, il-Vouli ton Ellinon Grieg, is-Saeima Latvjan, ix-Chambre des Députés tal-Lussemburgu, id-Državni svet u d-Državni zbor Sloveni.



Is-suġġetti ewlenin tal-opinjonijiet fid-djalogu politiku

Saħansitra aktar minn fis-snin preċedenti, fl-2018, l-opinjonijiet tal-Parlamenti nqasmu f'firxa wiesgħa ta' suġġetti. L-ebda inizjattiva tal-Kummissjoni ma attirat attenzjoni mifruxa mill-Parlamenti nazzjonali daqs kemm attira l-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa fl-2017 (62 opinjoni). Is-sitt pakketti li ġejjin, li attiraw bejn 11 u 15-il opinjoni kull wieħed[58], ġabru l-aktar attenzjoni mill-Parlamenti nazzjonali:

1. Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja — 15-il opinjoni
2. L-Iżvilupp Reġjonali u l-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 — 13-il opinjoni
3. Patt Ġdid għall-Konsumaturi – 11-il opinjoni
4. Il-Politika Agrikola Komuni wara l-2020 – 11-il opinjoni
5. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali – 11-il opinjoni
6. Il-Futur tat-Tagħlim – 11-il opinjoni

- *Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – aspetti orizzontali*

Il-proposti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, għal sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, adottati mill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2018[59], wasslu direttament għal tmien opinjonijiet minn sitt kmamar[60], inkluża opinjoni motivata waħda[61]. Dawn il-proposti ġew ikkomplementati, fl-aħħar ta' Mejju u f'Ġunju, minn għadd ta' proposti settorjali jew pakketti għal programmi maħsuba sabiex jappoġġjaw u jimplimentaw politiki Ewropej[62], li minn fosthom, dawk dwar l-iżvilupp reġjonali u l-koeżjoni (13-il opinjoni)

[58] L-ebda dokument individwali tal-Kummissjoni ma attira aktar minn għaxar opinjonijiet. L-Anness 3 jelenka dawk id-dokumenti li skattaw aktar minn seba' opinjonijiet.

[59] COM(2018) 321, 322, 323, 324, 325, 326, 327 u 328 tat-2 ta' Mejju 2018.

[60] Il-Poslanecká sněmovna tar-Repubblika Ċeka, is-Senát Ċek (tliet opinjonijiet), il-Bundesrat Ġermaniż, l-Assembleia da República Portugiża, il-Camera Deputaților Rumena, ir-Riksdag Żvediż.

[61] Mir-*Riksdag* Żvediż dwar COM(2018) 325 u 327 (riżorsi proprji).

[62] L-iżvilupp u l-koeżjoni reġjonali (id-29 ta' Mejju); Il-fondi soċjali u għall-globalizzazzjoni, Erasmus, Ewropa Kreattiva, il-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri, u l-Programm Kontra l-Frodi (it-30 ta' Mejju); Il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti, il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni (il-31 ta' Mejju); Il-Politika Agrikola Komuni, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (l-1 ta' Ġunju); Invest EU, il-Faċilità Nikkollegaw

u dwar l-agrikoltura (11-il opinjoni) attiraw l-aktar attenzjoni mill-Parlamenti nazzjonali (ara hawn taħt).

It-tmien opinjonijiet li jikkonċernaw direttament il-pakkett tat-2 ta' Mejju ġeneralment appoġġjaw ċerti partijiet tal-proposti, bħas-simplifikazzjoni tal-istruttura tal-baġit u l-flessibbiltà mtejba fil-ġestjoni tal-fondi Ewropej. Madankollu, uħud minnhom esprimew ukoll riżervi dwar it-tnaqqis tal-finanzjament ta' politiki "tradizzjonali", bħall-agrikoltura u l-koeżjoni, u/jew dwar is-sistema ġdida tar-riżorsi proprji proposta, u speċifikament dwar ir-riżorsi proprji marbuta mal-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li, filwaqt li l-proposti tagħha ffokaw fuq il-prijoritajiet ġodda miftiehma mill-mexxejja u fuq oqsma fejn il-baġit tal-Unjoni Ewropea jġib l-ogħla valur miżjud, it-tnaqqis moderat propost għall-politika agrikola u l-infiq fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni ma għandhomx jikkaġunaw dannu għall-issodisfar tal-għanijiet ta' dawn il-politiki. Hija enfasizzat ukoll li l-basket ta' riżorsi proprji ġodda għandu jkun marbut b'mod aktar dirett mal-politiki tal-Unjoni Ewropea milli huwa l-każ għall-biċċa l-kbira tas-sorsi tad-dħul kurrenti, u li l-introduzzjoni ta' Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva tnaqqas id-distorsjonijiet billi toħloq ambjent fiskali aktar ġust u aktar koerenti għan-negozji, tevita ġirja lejn l-aktar livell baxx f'termini tat-tassazzjoni korporattiva fost l-Istati Membri u tipprovdi kontribut qawwi għall-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-erożjoni tal-bażi għat-taxxa.

- *L-Iżvilupp Reġjonali u l-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020*[63]

Fil-31 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' proposti maħsuba sabiex jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni differenti fl-Ewropa f'termini tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħhom. Il-proposti għal politika ta' koeżjoni ġdida għandhom l-għan li jindirizzaw il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea, bħall-ġlieda kontra l-qgħad u t-tmexxija tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sabiex tingħata spinta lill-kompetittività u l-konverġenza. Huma għandhom l-għan ukoll li jagħmlu l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni aktar effettiv għall-investimenti u l-proġetti f'reġjuni transkonfinali, sabiex b'hekk jissaħħaħ it-tkabbir fir-reġjuni tal-fruntiera.

Fl-2018, kien hemm seba' kmamar[64] li ssottomettew 13-il opinjoni, inkluża opinjoni motivata waħda[65]. Huma ġeneralment appoġġjaw l-għanijiet tal-pakkett u laqgħu s-simplifikazzjoni tal-proċeduri (xi wħud xtaqu aktar simplifikazzjoni) kif ukoll id-diviżjoni tar-reġjuni fi tliet kategoriji skont l-iżvilupp tagħhom, iżda rrifjutaw it-tnaqqis propost għall-infiq fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni u b'mod partikolari għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg). Bosta kmamar qajmu tħassib dwar il-konċentrazzjoni tematika għolja fuq ċerti għanijiet tal-politika u/jew talbu għal aktar flessibbiltà għall-Istati Membri. Xi wħud kellhom

l-Ewropa, Ewropa Diġitali u l-programmi spazjali (is-6 ta' Ġunju); Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont Ewropa, ITER u Euratom) u l-Programm tas-Suq Uniku (is-7 ta' Ġunju); It-taxxa u d-dwana (it-8 ta' Ġunju); Il-Korpi Ewropej ta' Solidarjetà (il-11 ta' Ġunju); Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, it-tagħmir għall-kontroll doganali u l-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi (it-12 ta' Ġunju); Il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Fond għas-Sigurtà Interna, is-Sikurezza Nukleari u l-assistenza għad-dekummissjonar (it-13 ta' Ġunju); L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, u l-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej (l-14 ta' Ġunju).

63 COM(2018) 372, 373, 374 u 375 tad-29 ta' Mejju 2018.

64 Is-*Senát* Ċek (żewġ opinjonijiet), il-*Bundesrat* Ġermaniż (tliet opinjonijiet*)*, il-*Cortes Generales* Spanjola, is-*Senato della Repubblica* Taljan, l-*Assembleia da República* Portugiża (erba' opinjonijiet), is-*Senat* Rumen, ir-*Riksdag Żvediż.*

65 Mir-*Riksdag* Żvediż dwar COM(2018) 373.

dubji dwar il-mekkaniżmu sabiex jissolvew l-ostakoli legali u/jew dwar ir-ritorn għall-iskadenza ta' sentejn għat-tneħħija tal-approprjazzjonijiet ('N+2').

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li kienu meħtieġa aġġustamenti fil-baġit tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll fl-allokazzjoni għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) minħabba diversi kwistjonijiet bħall-Brexit u l-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ għal prijoritajiet ġodda. Madankollu, il-politika ta' koeżjoni proposta xorta ser tkun l-aktar politika sinifikanti tal-Unjoni f'termini tal-volum finanzjarju u għandha tkompli tkopri r-reġjuni kollha.

Il-Kummissjoni enfasizzat li, permezz ta' konċentrazzjoni tematika, ir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni ma jinfirxux wisq u li r-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni ogħla għal ċerti għanijiet ta' politika jmorru id f'id ma' flessibbiltà akbar mogħtija lill-Istati Membri. Dan jinkludi l-possibbiltà li jiġu definiti r-rekwiżiti fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-potenzjal tar-reġjuni tagħhom. Hija enfasizzat li r-ritorn progressiv għar-regola N+2, flimkien ma' aktar minn 80 simplifikazzjoni proposta, inklużi rekwiżiti ta' rapportar u programmazzjoni eħfef u aktar strateġiċi u livelli aktar baxxi ta' prefinanzjament, jikkontribwixxu sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programm Interreg.

Il-Kummissjoni spjegat ukoll li l-għan tal-mekkaniżmu propost sabiex jissolvew l-ostakoli legali kien li jgħin lill-Istati Membri mingħajr mekkaniżmi bħal dawn sabiex isolvu l-ostakoli legali u li jippermetti lill-atturi f'reġjuni tal-fruntiera jiżviluppaw proġetti konġunti, u li huwa ma interferixxiex mal-kompetenza leġiżlattiva nazzjonali u ma impona ebda obbligu ġdid fuq l-Istati Membri b'mekkaniżmi effettivi b'mod komparabbli.

- *Il-Politika Agrikola Komuni wara l-2020*[66]

Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' tliet proposti leġiżlattivi dwar il-politika agrikola komuni wara l-2020. Hija kellha l-għan li tagħmel din il-politika aktar risponsiva għall-isfidi attwali u futuri, bħat-tibdil fil-klima jew it-tiġdid tal-ġenerazzjoni, filwaqt li tkompli tappoġġja lill-bdiewa Ewropej fil-ħolqien ta' settur agrikolu sostenibbli u kompetittiv. Sabiex tissimplifika u timmodernizza l-politika agrikola komuni, il-Kummissjoni pproponiet ukoll, abbażi ta' pjanijiet strateġiċi, li tagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu d-dettalji tal-interventi.

Kien hemm 10 kmamar[67] li ssottomettew 11-il opinjoni dwar dan il-pakkett, inkluża opinjoni motivata waħda[68]. Ħafna mill-kmamar laqgħu l-fatt li l-istruttura attwali tal-politika agrikola komuni, li hija maqsuma f'żewġ linji, kif ukoll l-għanijiet proposti tagħha, inżammu għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Madankollu, huma enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal riżorsi finanzjarji suffiċjenti għal din il-politika. Xi kmamar ma qablux mat-tnaqqis fil-finanzjament għall-politika tal-iżvilupp rurali, u/jew mal-limitu obbligatorju u d-digressività tal-pagamenti diretti. Huma jemmnu li l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu, abbażi tal-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom, jekk jintroduċux dawn l-istrumenti jew le. Barra minn hekk,

[66] COM(2018) 392, 393 u 394 tal-1 ta' Ġunju 2018.

[67] Is-Senát Ċek, il-Bundesrat Ġermaniż, il-Cortes Generales Spanjola, l-Assemblée nationale Franċiża, il-Hrvatski Sabor Kroat, id-Dáil and Seanad Éireann Irlandiżi, il-Camera dei Deputati Taljana, is-Sejm Pollakk, l-Assembleia da República Portugiża (żewġ opinjonijiet), is-Senat Rumen.

[68] Mill-*Assemblée nationale* Franċiża dwar COM(2018) 392.

kamra waħda opponiet delega eċċessiva lill-Istati Membri ta' setgħat li jkunu eżerċitati aħjar fil-livell Ewropew[69].

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni, li tirreferi għall-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u għall-ħtieġa li jiġu indirizzati l-prijoritajiet politiċi eżistenti u ġodda, spjegat li, f'dan il-kuntest baġitarju ta' sfida, il-proposta tagħha li talloka EUR 365 biljun għall-politika agrikola komuni fil-perjodu 2021-2027 kienet sinjal qawwi ta' appoġġ kontinwu għall-futur tal-oqsma rurali u tal-biedja tal-Unjoni Ewropea. Hija saħqet li l-pagamenti diretti ser jonqsu biss b'mod moderat, u li kien propost riekwilibriju tal-appoġġ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għall-iżvilupp rurali, inkluża l-possibbiltà għal aktar kontribuzzjonijiet nazzjonali sabiex jinżamm livell adegwat ta' appoġġ għaż-żoni rurali.

Il-Kummissjoni spjegat ukoll li l-għoti ta' aktar flessibbiltà lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu d-dettalji tal-interventi skont il-ħtiġijiet tagħhom joffrilhom potenzjal akbar għal immirar aħjar u simplifikazzjoni. Hija enfasizzat li l-proposti tagħha kellhom l-għan li jżommu l-politika agrikola komuni adatta għall-iskop tagħha, abbażi ta' modernizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-qafas ta' politika, distribuzzjoni aktar ġusta u aktar immirata tal-pagamenti diretti, u ambizzjoni klimatika u ambjentali mtejba u azzjoni għat-tkabbir u l-impjiegi f'żoni rurali, filwaqt li jikkontribwixxu għal politiki oħrajn u għal impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea (eż. il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti).

- *Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja*[70]

Fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat pjan direzzjonali għall-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa, bl-għan li ttejjeb l-unità, l-effiċjenza u r-responsabbiltà demokratika tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa sal-2025.

Dan kien magħmul minn erba' inizjattivi ewlenin:

1) proposta sabiex jiġi stabbilit Fond Monetarju Ewropew, ankrat fil-qafas legali tal-Unjoni u mibni fuq l-istruttura stabbilita tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;
2) proposta sabiex is-sustanza tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza tiġi integrata fil-qafas legali tal-Unjoni, filwaqt li titqies il-flessibbiltà xierqa inkorporata fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
3) Komunikazzjoni dwar strumenti baġitarji ġodda għal żona tal-euro stabbli fil-qafas tal-Unjoni; kif ukoll
4) Komunikazzjoni li tispjega l-funzjonijiet possibbli ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi li jista' jservi bħala Viċi President tal-Kummissjoni u president tal-Grupp tal-Euro, kif stabbilit skont it-Trattati attwali.

Fl-2018, kien hemm seba' kmamar[71] li ssottomettew 15-il opinjoni dwar il-pakkett. Il-biċċa l-kbira tal-Parlamenti nazzjonali qablu li l-istabbiltà tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja kienet interess strateġiku tal-Unjoni u, fil-prinċipju, appoġġjaw il-pakkett, iżda kienu tal-fehma li kien

69 Rigward din l-opinjoni motivata mill-*Assemblée nationale* Franċiża, ara wkoll 3.1 hawn fuq.

70 COM(2017) 821, 822, 823, 824, 825, 826 u 827 tas-6 ta' Diċembru 2017.

71 Il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka, is-*Senát* Ċek (erba' opinjonijiet), il-*Bundesrat* Ġermaniż (żewġ opinjonijiet), il-*Cortes Generales* Spanjola, il-*Camera dei Deputati* Taljana (ħames opinjonijiet), is-*Senato della Repubblica* Taljan, is-*Senat* Rumen.

meħtieġ li wħud mill-proposti jiġu ċċarati. Il-biċċa l-kbira tal-kmamar appoġġjaw il-ħolqien tal-pożizzjoni ta' Ministru Ewropew għall-Ekonomija u l-Finanzi, b'xi tħassib dwar bidla possibbli fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea li hija meħtieġa sabiex dan iseħħ. Xi wħud kienu mħassba li l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja jwassal sabiex is-setgħat jiġu ttrasferiti mil-livell nazzjonali għal dak tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-qasam fiskali u fis-superviżjoni tas-settur bankarju.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni qablet li bosta proposti fil-pakkett għadhom iridu jiġu żviluppati. B'mod partikolari, bosta proposti msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strumenti Baġitarji Ġodda għal Żona tal-Euro Stabbli fil-Qafas tal-Unjoni" ġew deskritti flimkien mal-proposti tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-Kummissjoni laqgħet l-opinjoni tal-Parlamenti nazzjonali li l-istabbiltà tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja hija interess strateġiku tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni ħadet ukoll nota tax-xettiċiżmu ta' xi Parlamenti nazzjonali dwar l-idea ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi. Madankollu, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-ħolqien ta' din il-pożizzjoni jgħin sabiex jiżdiedu l-effiċjenza u r-responsabbiltà demokratika tal-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

- *Patt Ġdid għall-Konsumaturi*[72]

F'konformità mal-għanijiet tal-"Patt Ġdid għall-Konsumaturi" mħabbra mill-President Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni u żewġ proposti għal direttivi fil-11 ta' April 2018 bl-għan li tittejjeb il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, li tiġi mmodernizzata fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u li jittaffew il-piżijiet fuq in-negozji, fejn xieraq. Fir-rigward tal-konformità, dawn il-proposti jaġġornaw il-proċedura ta' inibizzjonijiet diġà eżistenti sabiex l-entitajiet ikkwalifikati nnominati kif xieraq ikunu jistgħu jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi u jikkomplementawha b'mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv. Barra minn hekk, il-proposti jarmonizzaw aktar ir-regoli dwar il-penali għal ksur tal-liġi tal-konsumatur, b'mod partikolari fil-każ ta' ksur transkonfinali mifrux, u jipprevedu d-dritt għal rimedji għall-vittmi ta' prattiki kummerċjali żleali. Fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-liġi tal-konsumatur tal-Unjoni Ewropea, il-proposti jsaħħu t-trasparenza fit-tranżazzjonijiet online u jestendu l-protezzjoni tal-konsumaturi meta jużaw servizzi "bla ħlas".

Kien hemm tmien kmamar[73] li ssottomettew 11-il opinjoni, inklużi tliet opinjonijiet motivati[74].

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-kmamar appoġġjaw l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex timmodernizza l-leġiżlazzjoni tal-konsumatur, bosta kmamar esprimew riżervi dwar ir-regoli proposti dwar it-tisħiħ tal-penali, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjoni ta' dħul minn multi, u d-dritt għal rimedji għall-vittmi ta' prattiki kummerċjali żleali. Xi kmamar ikkritikaw ukoll il-bidliet proposti dwar id-dritt tal-irtirar, il-kwalità doppja tal-prodotti, il-bejgħ mhux mitlub fid-dar u l-

[72] COM(2018) 183, 184 u 185.

[73] Il-*Bundesrat* Awstrijak (żewġ opinjonijiet), il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka, is-*Senát* Ċek (żewġ opinjonijiet), il-*Bundesrat* Ġermaniż (żewġ opinjonijiet), is-*Senato della Repubblica* Taljan, l-*Assembleia da República* Portugiża, il-*Camera Deputaților* Rumena, ir-*Riksdag* Żvediż.

[74] Mill-*Bundesrat* Awstrijak (żewġ opinjonijiet motivati, waħda dwar COM(2018) 184 u l-oħra dwar COM(2018) 185, u mir-*Riksdag* Żvediż (opinjoni waħda dwar kemm COM(2018) 184 kif ukoll COM(2018) 185).

eskursjonijiet kummerċjali. Fir-rigward ta' azzjonijiet rappreżentattivi, għadd ta' kmamar issuġġerew li jiġu ċċarati ċerti definizzjonijiet (bħall-interessi kollettivi tal-konsumaturi) u l-kriterji għan-nomina ta' entitajiet ikkwalifikati, kif ukoll ir-regoli dwar kif il-konsumaturi jesprimu r-rieda li jkunu rrappreżentati minn entità kkwalifikata fil-kuntest ta' azzjoni rappreżentattiva.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-armonizzazzjoni tal-livelli massimi tal-multi kienet meħtieġa sabiex l-azzjoni ta' infurzar ikkoordinata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri ssir possibbli fil-kuntest tan-netwerk tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat l-effett ta' deterrent ta' dawk il-penali. Hija żiedet li r-regoli proposti ma jirrikjedu li jiġi allokat ebda sehem speċifiku ta' fondi għall-finijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur u lanqas li jiġi speċifikat l-iskop eżatt tal-allokazzjoni. Hija kkjarifikat ukoll li l-proposta tagħha kienet newtrali fir-rigward ta' kif tiżgura li l-konsumatur ikun kopert minn azzjoni rappreżentattiva (*opt-in* jew *opt-out*), fejn meħtieġ, u b'hekk ħalliet l-għażla tal-approċċ fuq din il-kwistjoni f'idejn l-Istati Membri.

- *L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali*[75]

Fit-13 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni adottat il-pakkett dwar il-Ġustizzja Soċjali. Dan jikkonsisti fi proposta għal Regolament li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, u proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill sabiex jittejjeb l-aċċess għall-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom, bl-għan li jitwassal il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jiġu appoġġjati swieq tax-xogħol ġusti u li jiffunzjonaw sewwa.

Fl-2018, kien hemm disa' kmamar[76] li ssottomettew 11-il opinjoni, inkluża opinjoni motivata waħda[77]. Ħafna mill-opinjonijiet irreferew għall-proposta dwar l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

Bosta kmamar ikkontestaw il-valur miżjud tal-Awtorità proposta u d-distribuzzjoni tal-kompetenzi mal-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji Ewropej, filwaqt li enfasizzaw l-importanza li jiġu rrispettati diversi mudelli nazzjonali tas-suq tax-xogħol u l-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam soċjali u tal-impjiegi. Xi kmamar esprimew riżervi dwar il-ġbir ta' data statistika u l-ispezzjonijiet konġunti jew talbu kjarifika dwar kif għandu jissolva t-tilwim bejn l-Awtorità proposta u l-Istati Membri. Kien hemm ukoll tħassib li l-proposta tal-protezzjoni soċjali, flimkien ma' miżuri oħrajn, jistgħu jagħmlu pressjoni fuq is-sistemi tal-protezzjoni soċjali tal-Istati Membri li qegħdin jinbidlu.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-miżuri proposti kellhom l-għan li jappoġġjaw lill-Istati Membri sabiex jirrispondu għall-isfidi taż-żieda fil-mobbiltà madwar l-Ewropa. Hija kkjarifikat ukoll li l-kompiti tal-Awtorità proposta kienu li tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali f'attivitajiet operattivi dwar kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tal-mobbiltà tax-xogħol transkonfinali u tas-sigurtà soċjali u mhux li tassumi jew tidduplika l-kompiti tagħhom. L-Awtorità proposta għandha twaqqaf Bord tal-medjazzjoni sabiex jittratta t-tilwim bejn l-Istati Membri fuq l-aspetti kollha tal-mobbiltà tax-xogħol. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' l-unika istituzzjoni bil-kompetenza li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni.

---

[75] COM(2018) 131 u 132 tat-13 ta' Marzu 2018.

[76] Is-*Senát* Ċek (żewġ opinjonijiet), il-*Cortes Generales* Spanjola, is-*Senato della Repubblica* Taljan, is-*Sejm* Pollakk, is-*Senat* Pollakk, l-*Assembleia da República* Portugiża (żewġ opinjonijiet), il-*Camera Deputaților* Rumena, is-*Senat* Rumen, ir-*Riksdag* Żvediż.

[77] Mir-*Riksdag* Żvediż dwar COM(2018) 131.

Il-Kummissjoni spjegat li l-ispezzjonijiet konġunti ma għandhomx ikunu obbligatorji u għandhom iseħħu f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati. Hija assigurat ukoll lill-Parlamenti nazzjonali li, f'termini tal-ġbir tad-data u l-iskambju tal-informazzjoni, l-Awtorità proposta għandha ssegwi l-prinċipji tal-qafas tal-interoperabbiltà rilevanti.

Fir-rigward tal-proposta tal-protezzjoni soċjali, il-Kummissjoni rrimarkat li r-rakkomandazzjoni proposta tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-problemi dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, filwaqt li tirrikonoxxi bis-sħiħ id-diversità tal-istruttura istituzzjonali madwar l-Istati Membri.

- *Il-Futur tat-Tagħlim*[78]

Fis-17 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni adottat tliet inizjattivi sabiex ittejjeb il-kompetenzi ewlenin u l-ħiliet diġitali tal-Ewropej, kif ukoll sabiex tippromwovi l-valuri komuni u l-għarfien tal-istudenti ta' kif taħdem l-Unjoni Ewropea. Il-proposti għandhom l-għan li jippromwovu l-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin (eż. il-litteriżmu, il-lingwi, jew il-ħiliet ċiviċi u diġitali) fis-sistemi tal-edukazzjoni għal persuni ta' kull età, li jagħmlu użu aħjar mit-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim, li jiżviluppaw il-ħiliet diġitali meħtieġa għall-għajxien u l-ħidma f'era ta' bidla diġitali mgħaġġla, u sabiex jgħinu lill-Istati Membri jippromwovu valuri komuni u jibnu sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ta' kwalità għolja fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

Fl-2018, kien hemm ħames kmamar[79] li ssottomettew 11-il opinjoni dwar il-Pakkett tal-Edukazzjoni. Dawn l-opinjonijiet kienu ta' appoġġ b'mod ġenerali u laqgħu l-proposti tal-Kummissjoni.

Xi kmamar fakkru lill-Kummissjoni li r-responsabbiltà fl-edukazzjoni hija biss tal-Istati Membri, u insistew li r-rwol tal-Unjoni ma għandux jimmira li jmur lil hinn mir-rakkomandazzjonijiet li ma jorbtux legalment, u/jew talbu sabiex isir eżami bir-reqqa tal-valur miżjud Ewropew u tal-piż amministrattiv li jistgħu jiġġeneraw il-proposti. Kmamar oħrajn talbu għal rabta aktar b'saħħitha bejn l-edukazzjoni u s-settur tan-negozju u għal aktar kjarifiki dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni reġgħet assigurat lill-Parlamenti nazzjonali li l-proposti ġew abbozzati billi tqieset is-sussidjarjetà u b'rispett sħiħ għas-setgħat tal-Istati Membri fil-politika tal-edukazzjoni. Hija spjegat li l-materjali futuri maħsuba sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin għandhom jiġu żviluppati b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, bħala għodod volontarji li jappoġġjaw it-tagħlim reċiproku, u li l-Kummissjoni la toħroġ kwalifiki hija stess u lanqas tivvalida l-kompetenzi skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.

Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja konġunti

Fl-2018, il-Kummissjoni rċeviet żewġ opinjonijiet fuq inizjattiva proprja konġunti mill-Parlamenti nazzjonali. It-tnejn ġew iffirmati mis-sitt parlamenti/kmamar tal-pajjiżi fil-Grupp

[78] COM(2018) 22, 23 u 24 tas-17 ta' Jannar 2018.

[79] Il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka (tliet opinjonijiet), is-*Senát* Ċek, il-*Bundesrat* Ġermaniż (tliet opinjonijiet), l-*Assembleia da República* Portugiża, il-*Camera Deputaților* Rumena (tliet opinjonijiet).

Visegrad ('V4')[80]. Waħda kienet tikkonċerna l-kooperazzjoni parlamentari tal-V4 u l-oħra l-futur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-Unjoni tal-Enerġija u l-politika dwar it-tibdil fil-klima.

5. KUNTATTI, ŻJARAT, LAQGĦAT U KONFERENZI

Żjarat tal-Kummissjoni fil-Parlamenti nazzjonali / laqgħat mal-Parlamenti nazzjonali

Bħal fis-snin preċedenti, fl-2018, il-Membri tal-Kummissjoni wettqu bosta żjarat fil-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri kollha u kważi fil-kmamar kollha. Ħafna kmamar sarulhom aktar minn żjara waħda mill-President Juncker, mill-ewwel Viċi President, mill-Viċi Presidenti jew mill-Kummissarji.

Barra minn hekk, għadd kbir ta' Parlamenti nazzjonali bagħtu delegazzjonijiet fi Brussell sabiex jiltaqgħu mal-Membri tal-Kummissjoni. B'kollox, saru 140 żjara u laqgħa fl-2018 (ara l-mappa ta' hawn taħt). Bħala parti integrali mill-proċess tan-negozjati ta' Brexit, il-Kap Negozjatur Michel Barnier iltaqa' wkoll mal-maġġoranza kbira tal-Parlamenti nazzjonali matul iż-żjarat regolari tiegħu fil-pajjiżi matul in-negozjati sabiex jinfurmahom dwar in-negozjati li għaddejjin u/jew l-eżitu tagħhom. Matul l-2018, l-uffiċjali tal-Kummissjoni, l-aktar f'livell għoli, attendew aktar minn 80 laqgħa tal-kumitati tal-Parlamenti nazzjonali sabiex jiddiskutu proposti leġiżlattivi fuq livell aktar tekniku. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal tal-Kummissjoni ġew mistiedna jippreżentaw inizjattivi ewlenin jew suġġetti importanti bħall-Brexit, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali jew il-ħidma u s-segwitu tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, f'24 laqgħa tar-rappreżentanti permanenti tal-Parlamenti nazzjonali bbażati fi Brussell. Barra minn hekk, l-Uffiċjali tas-Semestru Ewropew, li huma bbażati fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, baqgħu f'kuntatt regolari mal-Parlamenti nazzjonali dwar is-Semestru Ewropew u kwistjonijiet ekonomiċi oħrajn.

Laqgħat u konferenzi interparlamentari

Fl-2018 saru bosta laqgħat u konferenzi interparlamentari importanti[81], inklużi l-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea(COSAC[82]), il-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea[83], il-Ġimgħa Parlamentari

---

80 Il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka, is-*Senát* Ċek, l-*Országgyűlés* Ungeriż, in-*Národná rada* Slovakk, is-*Sejm* Pollakk, is-*Senat* Pollakk.

81 Għal aktar dettalji dwar dawn il-laqgħat, jekk jogħġbok ara r-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports.html

82 Il-COSAC huwa l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati, fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Ġeneralment, dan jiltaqa' f'żewġ okkażjonijiet (laqgħa waħda tal-Presidenti, laqgħa plenarja waħda) f'kull Stat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fil-COSAC. Is-sit web tal-COSAC fuq http://www.cosac.eu/en/ fih rapporti dettaljati tal-laqgħat tal-COSAC, kif ukoll kopji tal-Kontribuzzjonijiet tal-COSAC u t-tweġiba tal-Kummissjoni għalihom. L-informazzjoni dwar il-COSAC tista' tinstab ukoll fuq http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?type=082dbcc564afa0210164b2da9f5102f8

83 Il-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea tiġi organizzata kull sena fl-Istat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea matul it-tieni nofs tas-sena ta' qabel. Il-laqgħa tal-2018 saret f'Tallinn fit-23 u l-24 ta' April 2018. Aktar informazzjoni: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/euspeakers/getspeakers.do?id=082dbcc55d1a225d015d1bfe7cce00ed

Ewropea[84], il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza[85], il-Konferenzi Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u għall-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni[86], kif ukoll il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt tal-Europol li għadu kif ġie stabbilit [87].

Iż-żewġ laqgħat tal-Presidenti tal-COSAC tal-2018 saru, rispettivament, f'Sofija (il-Bulgarija) fil-21 u t-22 ta' Jannar 2018, u fi Vjenna (l-Awstrija) fit-8 u d-9 ta' Lulju 2018. L-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni Frans Timmermans attenda t-tnejn li huma. Id-delegati eżaminaw il-prijoritajiet taż-żewġ presidenzi, il-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-istrateġiji makroreġjonali (f'Sofija).

Il-laqgħa plenarja tal-LIX COSAC, li saret bejn is-17 u d-19 ta' Ġunju 2018 f'Sofija, iddiskutiet il-kisbiet tal-Presidenza Bulgara, l-integrazzjoni u l-konnettività tal-Balkani tal-Punent, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-politika ta' koeżjoni wara l-2020.

Għal-laqgħa plenarja tal-LX, li saret bejn it-18 u l-20 ta' Novembru 2018 fi Vjenna, attenda l-Viċi President Šefčovič, li ddiskuta mad-delegati dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Unjoni tal-Enerġija. Id-delegati eżaminaw ukoll is-sitwazzjoni attwali tal-Presidenza Awstrijaka, il-Brexit (fejn esprimew appoġġ qawwi għall-Kap Negozjatur tal-Unjoni u għall-Ftehim ta' Rtirar), il-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Unjoni tal-Enerġija u t-trasparenza tat-tfassil tal-liġijiet tal-Unjoni fid-dawl tal-elezzjonijiet li ġejjin tal-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni pprovdiet tweġibiet bil-miktub għall-kontribuzzjonijiet adottati mill-COSAC fiż-żewġ laqgħat plenarji tagħha[88].

---

[84] Il-ġimgħa Parlamentari Ewropea, li saret fil-Parlament Ewropew fid-19 u l-20 ta' Frar 2018, kienet indirizzata mill-Viċi President Dombrovskis u mill-Kummissarji Oettinger u Thyssen. Aktar informazzjoni: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/high-level-conferences/european-parliamentary-week.html

[85] Din il-konferenza, li saret fis-17 u t-18 ta' Settembru 2018 fi Vjenna, ġiet indirizzata mill-Kummissarju Moscovici. Aktar informazzjoni: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc55f38350b015f3958960f01ee.

[86] Saru żewġ konferenzi, rispettivament, mill-15 sas-17 ta' Frar 2018 f'Sofija u fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2018 fi Vjenna. Ir-Rappreżentanta Għolja/il-Viċi President Mogherini attendiet it-tnejn li huma. Aktar informazzjoni: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc55f38350b015f394a4eb201ca u http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc55f38350b015f394ad04c01cc

[87] Il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt tal-Europol ġie stabbilit fl-2018 u ltaqa' darbtejn, f'Sofija fit-18 u d-19 ta' Marzu bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarji Gabriel u King u fi Brussell fl-24 u l-25 ta' Settembru bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarju King.

[88] http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?type=082dbcc564afa0210164b2da9f5102f8

L-għadd ta’ żjarat fil-Parlamenti nazzjonali u laqgħat mal-Parlamenti nazzjonali minn Membri tal-Kummissjoni fl-2018 (total għall-Istati Membri kollha: 140)



6. IR-RWOL TAL-PARLAMENTI REĠJONALI

Il-Parlamenti reġjonali jikkontribwixxu indirettament għar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali. Skont il-Protokoll 2 għat-Trattati, meta titwettaq l-analiżi tas-sussidjarjetà ta' abbozzi ta' liġijiet tal-Unjoni Ewropea sabiex jinħarġu opinjonijiet motivati, il-Parlamenti nazzjonali għandhom jikkonsultaw, fejn xieraq, mal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi[89]. Il-membri tal-Parlamenti reġjonali huma wkoll irrappreżentati fil-Kumitat tar-Reġjuni, li jwettaq attivitajiet ta' monitoraġġ permezz tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-pjattaforma online tiegħu REGPEX, li hija maħsuba sabiex tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-Parlamenti tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi fil-mekkaniżmu ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà[90].

Fl-2018, ġew sottomessi 95 kontribuzzjoni minn imsieħba tar-REGPEX, li 75 minnhom ġew minn Parlamenti reġjonali. L-aktar Parlamenti reġjonali attivi kienu l-Assemblea Leġiżlattiva Reġjonali ta' Emilia Romagna (21 kontribuzzjoni), il-Parlament tal-Istat tal-Bavarja (20 kontribuzzjoni) u l-Parlament tal-Istat ta' Thuringia (10 kontribuzzjonijiet). Dan juri żieda qawwija fl-attività meta mqabbel mal-2017, fejn ġew irreġistrati biss 30 kontribuzzjoni minn Parlamenti reġjonali (minn 66 kontribuzzjoni minn imsieħba tar-REGPEX) fir-REGPEX. Il-proposti tal-Kummissjoni li rċevew l-akbar għadd ta' kummenti minn Parlamenti reġjonali kienu jikkonċernaw Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb[91], ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma u l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa[92].

Għalkemm ma hemm ebda dispożizzjoni espliċita fit-Trattati għal interazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti reġjonali, bosta Parlamenti reġjonali ssottomettew ukoll l-opinjonijiet tagħhom direttament lill-Kummissjoni fl-2018. Huma kkummentaw mhux biss dwar is-sussidjarjetà, iżda wkoll dwar l-aspetti tal-politika ta' diversi proposti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-aspetti kollha mqajma u ġeneralment indirizzathom fit-tweġibiet tagħha lill-Parlamenti reġjonali.

Ir-riflessjoni fuq kif jistgħu jiġu involuti aħjar l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija u s-segwitu tal-politiki tal-Unjoni kienet wieħed mill-kompiti tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti" (ara t-Taqsima 2.1). Bosta parlamenti reġjonali ssottomettew kontribuzzjonijiet bi proposti sinifikanti lit-Task Force, inkluż matul is-smigħ pubbliku tagħha, kif ukoll organizzaw diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà tal-Konferenza tal-Assemblei Leġiżlattivi Reġjonali Ewropej (CALRE). It-Task Force ħeġġet lill-Parlamenti nazzjonali, lill-Parlamenti reġjonali u lill-Kumitat tar-Reġjuni sabiex itejbu l-komunikazzjoni tagħhom, inkluż billi jużaw l-għodod tal-IT rispettivi tagħhom b'mod aktar effettiv, sabiex jiżguraw li l-proċedura leġiżlattiva u l-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà jkunu jirriflettu aħjar it-tħassib tagħhom.

Il-President Juncker iltaqa' ma' rappreżentanti ta' għadd ta' Gvernijiet u Parlamenti reġjonali matul is-sena, inklużi l-Fjandri, Wallonia (il-Belġju), il-Bavarja, Rhineland-Palatinate (il-

89 L-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità.

90 Għal aktar dettalji dwar l-attività relatata mal-kontroll tas-sussidjarjetà tal-Kumitat tar-Reġjuni, ara t-taqsima 2.4.

91 Li wasslet ukoll għal erba' opinjonijiet motivati mill-Parlamenti nazzjonali (ara t-taqsima 3.2).

92 COM(2017) 772, COM(2017) 753, COM(2018) 337 u COM(2018) 51, rispettivament.

Ġermanja) u l-Awstrija t'Isfel (l-Awstrija). Membri oħrajn tal-Kummissjoni kellhom laqgħat simili.

7. KONKLUŻJONI

Is-sena 2018 rat tnaqqis sinifikanti fl-għadd globali ta' **opinjonijiet motivati** li rċeviet il-Kummissjoni (37 meta mqabbla ma' 52 fl-2017 u 65 fl-2016). Dan kien fl-isfond ta' għadd xi ftit jew wisq stabbli ta' proposti leġiżlattivi ppreżentati mill-Kummissjoni u għadd globali kważi identiku ta' opinjonijiet li waslu, meta mqabbla mal-2017. Barra minn hekk, l-opinjonijiet motivati li waslu kienu jkopru diversi oqsma ta' politika, u l-ebda proposta ma tat bidu għal aktar minn erba' opinjonijiet motivati mill-Parlamenti nazzjonali. Dan jista' jkun ir-riżultat tal-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' Aġenda ta' Regolamentazzjoni Aħjar ittestjata sewwa u saħansitra msaħħa u tal-impenn tagħha li tintegra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika, li tevalwa l-oqfsa ta' politika eżistenti qabel tippreżenta reviżjonijiet leġiżlattivi u li tibda azzjoni f'livell Ewropew biss jekk il-valur miżjud tagħha jkun ċar.

Il-kontroll u l-monitoraġġ tas-sussidjarjetà kienu wkoll prijorità għall-Parlament Ewropew u għall-Kumitat tar-Reġjuni, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew enfasizzaw il-ħtieġa għal applikazzjoni intelliġenti tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, inklużi s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

It-**Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti"** wettqet riflessjoni interistituzzjonali dwar kif għandha tiġi żgurata u mtejba l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Ir-rapport finali tagħha jirrakkomanda azzjoni ta' segwitu mill-istituzzjonijiet, immirata għall-involviment aħjar tal-Parlamenti nazzjonali, kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, fit-tħejjija u s-segwitu tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni. Il-Kummissjoni rreaġixxiet għall-ħidma tat-Task Force f'żewġ komunikazzjonijiet, f'Ottubru 2018 u April 2019. Hija ppreżentat serje ta' azzjonijiet ta' segwitu, bħall-produzzjoni ta' tweġibiet aggregati għal opinjonijiet motivati, u mexxiet dawn l-azzjonijiet 'il quddiem fl-2019, inkluż bħala parti mill-aġenda riveduta tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar.

L-għadd ta 'opinjonijiet sottomessi mill-Parlamenti nazzjonali bħala parti mid-**djalogu politiku** baqa' għoli fl-2018 (569 opinjoni), madwar l-istess bħal fl-2017 (576) għalkemm, saħansitra aktar mis-snin preċedenti, kienu ftit ħafna l-kmamar attivi li kienu responsabbli għal parti kbira minn dawn l-opinjonijiet. Il-proporzjon relattivament żgħir ta' opinjonijiet motivati (6.5 %) u, bil-maqlub, il-proporzjon relattivament għoli ta' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja jew opinjonijiet dwar inizjattivi mhux leġiżlattivi (38 %) meta mqabbel mal-għadd totali ta' opinjonijiet sottomessi juru l-interess kontinwu tal-Parlamenti nazzjonali fl-involviment fuq kwistjonijiet li jmorru lil hinn mill-aspetti tas-sussidjarjetà tal-inizjattivi tal-Kummissjoni u fl-għoti ta' kontribut siewi kemm jista' jkun malajr dwar il-kontenut ta' dawn l-inizjattivi. Dan jirrifletti x-xewqa tal-Parlamenti nazzjonali li jkunu attivi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropew, minbarra li jinfluwenzaw u jikkontrollaw il-pożizzjonijiet Ewropej tal-gvernijiet tagħhom.

B'segwitu fuq l-impenn meħud mill-bidu nett minn din il-Kummissjoni sabiex tiżviluppa r-relazzjonijiet tagħha mal-Parlamenti nazzjonali, fl-2018 il-Membri tal-Kummissjoni ssoktaw

ukoll b'dibattiti regolari mal-Parlamenti nazzjonali. Dan jirrifletti kemm l-istituzzjonijiet Ewropej japprezzaw ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali, li għandhom rwol kruċjali sabiex iqarrbu lill-Unjoni lejn iċ-ċittadini tagħha, bl-għan li jagħmluha aktar trasparenti u aċċessibbli.